

# IL-POŻIZZJONI TAL-AĠENZIJA DWAR SISTEMI TA' EDUKAZZJONI INKLUŻIVA

Dan id-dokument jippreżenta l-pożizzjoni tal-Aġenzija Ewropea għall-Ħtiġijiet Speċjali u l-Edukazzjoni Inklużiva dwar l-aspirazzjoni tal-pajjiżi membri kollha tal-Aġenzija biex jiżviluppaw iktar sistemi ta' edukazzjoni inklużiva. B'mod iktar speċifiku, id-dokument jippreżenta l-karatteristiċi essenzjali tas-sistemi ta' edukazzjoni inklużiva li sejrin jintużaw biex jiggwidaw l-iżvilupp u d-direzzjoni tal-attivitajiet tal-Aġenzija fuq perjodu ta' żmien medju sa twil.

L-għan ta' dan id-dokument huwa li jmexxi l-ħsibijiet u d-diskussjonijiet li għaddejjin bħalissa kif ukoll dawk futuri dwar il-ħidma tal-Aġenzija u kif din tista' tappoġġja l-pajjiżi fl-isforzi tagħhom biex jiżviluppaw iktar sistemi ta' edukazzjoni inklużiva. Bħal tali, tippreżenta orizzont u punt fokali li l-attivitajiet tal-Aġenzija ser jiġu allinjati magħhom.

Il-pożizzjoni ppreżentata fid-dokument hija konformi b'mod sħiħ mal-prijoritajiet għall-edukazzjoni ddikjarati mill-Unjoni Ewropea u fuq livell internazzjonali.

Informazzjoni ta' sfond li tqiegħed l-karatteristiċi essenzjali tas-sistemi ta' edukazzjoni inklużiva indikati fid-dokument f'kuntest ta' politika u prattika Ewropea u internazzjonali usa', tista' tinstab fuq is-sit web tal-Aġenzija:

**www.european-agency.org/about-us/who-we-are/position-on-inclusive-education-systems**

## Sistemi ta' edukazzjoni inklużiva

Il-pajjiżi Ewropej kollha huma impenjati biex jaħdmu biex jiżguraw iktar sistemi ta' edukazzjoni inklużiva. Dan jagħmluh b'modi differenti, skont il-kuntesti u l-istorja attwali u tal-passat tagħhom. Is-sistemi ta' edukazzjoni inklużiva jitqiesu bħala komponent vitali fl-aspirazzjoni usa' ta' soċjetajiet iktar soċjalment inklużivi li l-pajjiżi kollha jallinjaw lilhom infushom magħhom, kemm fuq livell etiku kif ukoll politiku.

Il-viżjoni finali għas-sistemi ta' edukazzjoni inklużiva hija li jiġi żgurat li l-istudenti kollha ta' kwalunkwe età jingħataw opportunitajiet ta' edukazzjoni ta' kwalità għolja u sinifikanti fil-komunità lokali tagħhom, flimkien ma' sħabhom u ħbiebhom.

Sabiex tiġi promulgata din il-viżjoni, il-*leġiżlazzjoni* li tmexxi s-sistemi ta' edukazzjoni inklużiva għandha tiġi sostnuta mill-impenn fundamentali li jiġi żgurat li kull student ikollu d-dritt għal opportunitajiet ta' edukazzjoni inklużiva u ekwitabbli.

Il-*policy* li tirregola s-sistemi ta' edukazzjoni inklużiva għandha tipprovdi viżjoni ċara għall-edukazzjoni inklużiva u l-konċettwalizzazzjoni tagħha bħala approċċ sabiex jittejbu l-opportunitajiet ta' edukazzjoni tal-istudenti kollha. Il-policy għandha wkoll tindika b'mod ċar li l-implimentazzjoni effettiva tas-sistemi ta' edukazzjoni inklużiva hija r-responsabbiltà komuni tal-edukaturi, il-mexxejja u dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet.

EUROPEAN AGENCY
for Special Needs and Inclusive Education

Il-*prinċipji operattivi* li jiggwidaw l-implimentazzjoni ta' strutturi u proċeduri fi ħdan sistemi ta' edukazzjoni inkluživa għandhom ikunu dawk ta' ekwità, effettività, effiċjenza u kisbiet ikbar għall-istakeholders kollha – l-istudenti, il-ġenituri u l-familji tagħhom, il-professjonisti fl-edukazzjoni, ir-rappreżentanti tal-komunità u dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet – permezz ta' opportunitajiet ta' edukazzjoni aċċessibbli u ta' kwalità għolja.

B'din il-viżjoni f'moħħha, fil-ħidma tagħha mal-pajjiżi membri, l-Aġenzija sejra tagħmel kull sforz possibbli biex tipprovdi gwida dwar l-iżvilupp ta' sistemi ta' edukazzjoni inkluživa li għandhom l-għan li:

- Jgħollu l-kisbiet tal-istudenti billi jirrikonoxxu u jibnu fuq it-talenti tagħhom u jilħqu b'mod effettiv il-ħtiġijiet u l-interessi ta' tagħlim individwali tagħhom. Il-fehim tal-Aġenzija ta' kisba ikbar għall-istudenti jinkludi l-forom kollha ta' kisbiet personali, soċjali u akkademiċi li sejrin ikunu rilevanti għall-istudent individwali fuq perjodu ta' żmien qasir, filwaqt li jtejbu l-possibbiltajiet tagħhom fuq perjodu ta' żmien twil.

- Jiżguraw li l-istakeholders kollha jagħtu valur lid-diversità. Dan il-prinċipju għandu jiġi promulgat permezz tal-involviment attiv tal-istakeholders fid-djalogu u billi jingħata appoġġ biex ikunu jistgħu jagħmlu kontribuzzjonijiet individwali u kollettivi biex jitwessa' l-aċċess għall-edukazzjoni u tittejjeb l-ekwità biex l-istudenti kollha jkunu jistgħu jilħqu l-potenzjal sħiħ tagħhom.

- Jiżguraw li tkun tista' tinkiseb kontinwazzjoni flessibbli ta' provvista u riżorsi li jappoġġjaw it-tagħlim tal-istakeholders kollha fil-livelli individwali u organizzattiv.

- Jiżguraw li l-kontinwazzjoni effettiva ta' appoġġ fis-sistemi ta' edukazzjoni inkluživa tinkludi approċċi personalizzati għat-tagħlim li jinvolvu l-istudenti kollha u jappoġġjaw il-parteċipazzjoni attiva tagħhom fil-proċess ta' tagħlim. Dan jinvolvi l-iżvilupp ta' kurrikulu msejjes fuq it-tagħlim u oqfsa ta' assessjar; opportunitajiet ta' taħriġ flessibbli u żvilupp professjonali kontinwu għall-edukaturi kollha, il-mexxejja tal-iskola u dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet; u proċessi ta' tmexxija koerenti fil-livelli kollha tas-sistema.

- Jgħollu l-kisbiet, l-eżiti u r-riżultati tas-sistema b'mod globali billi jippermettu b'mod effettiv lill-istakeholders kollha jiżviluppaw l-attitudnijiet u t-twemmin, l-għarfien, il-fehim, il-ħiliet u l-imgiba tagħhom f'konformità mal-għanijiet u l-prinċipji ta' sistema ta' edukazzjoni inkluživa.

- Joperaw bħala sistemi ta' tagħlim li jaħdmu għat-titjib u l-allinjament kontinwu tal-istrutturi u l-proċessi permezz tal-bini tal-kapaċità tal-istakeholders kollha sabiex jirriflettu b'mod sistematiku fuq il-kisbiet tagħhom u mbagħad jużaw dawn ir-riflessjonijiet biex itejbu u jiżviluppaw ix-xogħol kollettiv tagħhom għall-għanijiet komuni tagħhom.

Erasmus+

Din il-pubblikazzjoni ġiet iffinanzjata b'appoġġ mill-Kummissjoni Ewropea. Din il-publikazzjoni tirrifletti l-opinjonijiet ta' l-awtur biss, u l-Kummissjoni ma tistax tinżamm responsabbli għal kull tip ta' uzu li jista' jsir mill-informazzjoni li tinsab fiha.